MOVIMENT GRAFFITTI

# ĠUSTIZZJA MAL-ĦADDIEMA

## DRITTIJIET, DINJITÀ U KWALITÀ TA' ĦAJJA AĦJAR

**Dan id-dokument għandu l-appoġġ ta:**

Aditus Foundation
Alleanza Kontra l-Faqar
Betapsi
Blue Door Education
Dance Beyond Borders
Earth Systems Association
Jesuit Refugee Service – Malta (JRS)
Justice and Peace Commission
Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ)
Kunsill Studenti Universitarji (KSU)
Moviment Graffitti
Solidarjeta' – Workers' and tenants' union
Young Progressive Beings (YPB)
Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN)

# ĠUSTIZZJA MAL-ĦADDIEMA

Qegħdin ngħixu f'pajjiż fejn l-ekonomija dejjem kibret f'dawn l-aħħar snin imma fl-istess ħin ma waslitx għal titjib fil-ħajja ta' ħafna ħaddiema. Il-ġid mhux qiegħed jitqassam b'mod ġust li jnaqqas l-inugwaljanzi li jeżistu bejn dawk li jaqilgħu ħafna u dawk li jaqilgħu ftit[1] filwaqt li l-inġustizzji fis-suq tax-xogħol dejjem jiżdiedu fuq diversi livelli. F'Malta, għandna kemm distakk fil-ġid li dejjem jitwessa'[2] kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol mhux xierqa li qegħdin iħallu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja ta' eluf ta' ħaddiema, speċjalment dawk fin-naħa t'isfel fl-iskala tal-qligħ.

Il-Gvern naqas milli jieħu kull opportunità li kellu biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema f'Malta. Per eżempju, meta ġie biex jimplementa d-Direttiva tal-UE fuq il-bilanċ bejn il-ħajja personali u x-xogħol, kull ma għamel kien eżerċizzju fjakk kemm ikun issodisfa l-kriterji bażiċi tad-Direttiva, minflok ipprova jagħmel differenza fil-ħajja ta' ġenituri li jaħdmu u ta' dawk li għandhom responsabbiltajiet li jieħdu ħsieb lil ħaddiehor. B'riżultat ta'dan, ħafna mill-miżuri li ġew introdotti biex jgħinu ħaddiema jsibu bilanċ bejn il-ħajja personali u x-xogħol kienu jew inaċċessibbli, jew mhux imħallsin, jew imħallsin ħmerija.

Huwa ċar li l-isfruttament tal-ħaddiema sar pilastru tal-mudell ekonomiku ta' Malta li jiffoka fuq it-tkabbir tal-ekonomija akkost ta' kollox. Ħafna ħaddiema jispiċċaw jaħdmu f'kundizzjonijiet perikolużi (bħal ma juru l-ħafna mwiet u korrimenti fuq siti ta' kostruzzjoni), f'xogħol prekarju u suġġetti għall-isfruttament, filwaqt li m'għandhom l-ebda entità pubblika effettiva fejn jistgħu jirrikorru biex jirrappurtaw l-abbuż.

Il-Gvern falla għal kollox kemm milli jinforza kull forma ta' protezzjoni eżistenti għall-ħaddiema kif ukoll li jintroduċi regolamenti li jindirizzaw ir-realtajiet ġodda li jeżistu fis-suq tax-xogħol bħall-gig economy u l-platform work.

Barra minn dan, parti kbira minn din is-sistema inġusta hija infurzata b'mod dirett minn miżuri amministrattivi imposti mill-Gvern dwar il-ħaddiema immigranti – li illum il-ġurnata jagħmlu parti sostanzjali mill-ħaddiema tagħna, skont il-politika tal-Gvern – legalment dipendenti għal kollox fuq min iħaddimhom, u b'hekk jispiċċaw f'sitwazzjoni prekarja perpetwa. Fil-prattika, il-Gvern qed iżomm lill-ħaddiema immigranti milli jesiġu li d-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema jkunu rispettati peress li dawk li jħaddmuhom għandhom il-poter li jtemmu l-permess tar-residenza li jkollu ħaddiem immigrant.

---

[1]Antonaroli, Valentina, Warren Deguara, and Aleandra Muscat, "Household Finance and Consumption Survey in Malta: Results from the Fourth Wave," *CBM Working Papers WP/01/2023*, (Malta: Central Bank of Malta, 2023); European Commission, *Malta: 2022 Country Report*, May 23, 2022, https://commission.europa.eu/system/files/2022-05/2022-european-semester-country-report-malta_en.pdf

[2]Vella, Melchior and Gilmour Camilleri, "Inequality Dynamics in Malta: Cracks, Blips and Long-Term Trends," *International Journal of Economics and Finance* 13, no. 11, (September 24, 2021), https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/82688/1/Inequality_dynamics_in_Malta_cracks_blips_and_long-term_trends%5Bpaper%5D_2021.pdf

F'Malta ħafna ħaddiema mhumiex imsieħba f'union[3], iridu jaħdmu għal sigħat twal – bi 15% tal-ħaddiema jaħdmu kemm full-time kif ukoll part-time[4]- biex ilaħħqu mal-ħajja, jaħdmu bil-prekarjat (b'kuntratti qosra) u jħallsu prezzijiet eżorbitanti għall-post fejn jgħixu.[5] Jekk ma jifilħux iħallsu l-kera jew is-self tal-bank, ma jkollhomx għażla għajr li jgħixu ma' ħaddieħor fi spazji limitati. Dawn il-problemi kollha huma agħar għal dawk il-ħaddiema li m'għandhomx network ta' sapport.

Mhumiex il-ħaddiema barranin biss li qegħdin ibagħtu l-konsegwenzi ta' mudell ekonomiku li jfittex it-tkabbir minlok il-ġustizzja u l-kwalità tal-ħajja aħjar. Ħafna ħaddiema Maltin, speċjalment iż-żgħażagħ, anki dawk gradwati, jippreferu jmorru jaħdmu barra minn Malta, jekk ikollhom l-għażla, milli jaħdmu hawn għal paga miżera. Studju li sar fl-2022 sab li kważi 90%
taż-żgħażagħ f'Malta jqisu l-pagi Maltin bħala baxxi meta mqabblin ma' ta' pajjiżi oħra, u ġew affettwati mill-għoli tal-ħajja f'Malta. Meta mistoqijin dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, dawk li qalu li s-sitwazzjoni tagħhom kienet marret għall-agħar fis-sena ta' qabel, semmew il-prezzijiet tal-proprjetà, l-ispejjeż tas-saħħa, l-inflazzjoni u l-pagi baxxi fost ir-raġunijiet ewlenin.[6]

L-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja jfissru li, fil-prattika, il-valur tal-pagi tal-ħaddiema naqsu.[7] Għalkemm fl-2024 il-ħaddiema kollha ngħataw żieda ta' €12.81 fil-ġimgħa biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni permezz tal-mekkaniżmu li jiddetermina l-kumpens għall-għoli tal-ħajja (COLA), il-COLA waħdu lanqas jibda biex jindirizza l-istat ħażin tal-pagi f'Malta u ma jgħin xejn biex itaffi mit-toqol tal-isplużjoni bla kontroll tal-prezzijiet tal-proprjetà u tal-kiri, li ma jinqabdux sew f'dawn il-kalkoli. Barra minn hekk, ħaddiema li jaqilgħu ftit, jintlaqtu b'mod sproporzjonat mill-inflazzjoni peress li l-prezz tal-affarijiet bażiċi, bħall-ikel, jiżdied b'rata ogħla meta mqabbel ma' oġġetti oħra.

Żidiet ta' ftit ċenteżmi fis-siegħa mal-paga minima miżerja ta' Malta jisfaxxaw fix-xejn bl-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja għal min jaqla' ftit. Bħalissa Malta hija fost seba' pajjiżi fl-UE bl-iktar paga minima baxxa meta jitqies il-poter tal-akkwist.[8]

---

[3]Debono, Manwel, "An Analysis of Trade Union Membership in Malta," *Xjenza Online 6* (2018): 46–58, https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/33871/1/Xjenza%2C_6%281%29_-_A6.pdf 4

[4]"Registered Employment: March 2023," National Statistics Office Malta, last accessed September 4, 2023, https://nso.gov.mt/registered-employment-march-2023-2/

[5]Housing Authority, *The Private Rental Market in Malta: A Holistic Assessment based on Registered Contracts*, last accessed September 4, 2023,
https://housingauthority.gov.mt/wp-content/uploads/2023/07/Housing-Authority-Rent-Report-2023.pdf

[6]EY Malta, Generate Youth Survey, 2022,
https://assets.ey.com/content/dam/ey-sites/ey-com/en_mt/events-2020/ey-malta-generate-report-2022.pdf

[7]"Harmonised Index of Consumer Prices (HICP): June 2023," National Statistics Office Malta, last accessed September 4, 2023, https://nso.gov.mt/harmonised-index-of-consumer-prices-hicp-june-2023/

[8]"Minimum Wage Statistics," Eurostat, last accessed April 22, 2024:
https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Minimum_wage_statistics#General_overview

Studju li sar fl-2022 stabbilixxa l-livell ta' dħul li tipi diferenti ta' familja jew persuni li jgħixu waħedhom jeħtieġu biex jgħixu b'mod diċenti f'Malta - National Living Income (NLI).[9] L-NLI qabel it-tnaqqis tat-taxxi, fiż-żmien li fih sar l-istudju, kien ta' madwar €14,864 għal persuna waħedha mingħajr tfal, €20,099 għal persuna waħedha b'wild wieħed, €26,018 għal persuna waħedha b'żewġ ulied, €21,316 għal koppja mingħajr tfal, €25,746 għal koppja b'wild wieħed u €30,734 għal koppja b'żewġ ulied.

Tajjeb li ngħidu li dan in-NLI ma jinkludix fih spiża ewlenija għal diversi familji jew persuni; dik tal-akkommodazzjoni, kemm bħala kera jew bħala self mill-banek. Minkejja din l-esklużjoni, fl-2022, il-livell tad-dħul meħtieġ biex persuna waħedha mingħajr tfal tgħix ħajja diċenti kien ta' €1,238 fix-xahar (qabel it-taxxa). Il-paga minima kif qiegħda bħalissa hija ta' €925.34.[10]

Ninnutaw li matul is-snin il-Gvern introduċa diversi skemi ta' benefiċċji imħallsa mill-fondi pubbliċi biex jikkumpensa għall-problema mifruxa tal-pagi baxxi. Iżda l-inġustizzji soċjali fis-suq tax-xogħol ma tistax tagħmel tajjeb għalihom bl-iskemi ta' benefiċċji biss. Filwaqt li ċerti benefiċċji soċjali bħall-in-work benefit, jistgħu joffru ftit għajnuna immedjata lil dawk li jaqilgħu ftit, xorta ma jindirizzawx l-inugwaljanza ġenerali fit-tqassim tal-ġid. Dan japplika għal Malta b'mod speċjali f'kuntest fejn it-taxxi għal dawk li jaqilgħu l-iktar huma baxxi ħafna. Għalfejn għandu l-istat iġorr it-tagħbija tas-sussidju fuq il-pagi baxxi minflok dawk li jagħmlu l-profitti minn fuq ix-xogħol tal-ħaddiema? Aħna nemmnu li l-ġustizzja soċjali tista' ssir biss meta l-ħaddiema jingħataw il-paga xierqa li tassew tistħoqqilhom u li biha jkunu jistgħu itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom in ġenerali.

Bl-għan li jinżammu rati ogħla mill-medja ta' tkabbir ekonomiku[11], l-ekonomija Maltija spiċċat tiddependi sostanzjalment fuq iċ-cheap labour ta' ħaddiema barranin[12] filwaqt li l-pagi baqgħu baxxi u l-isfruttament kompla jiżdied. Dan wassal għal tqassim iktar inġust tal-ġid, inugwaljanzi soċjali u tbatijiet għal eluf ta' ħaddiema.

Il-ħaddiema mhumiex magni li jistgħu jiġu abbużati bl-addoċċ. Il-ħaddiema jixirqilhom id-dinjità, id-drittijiet u biżżejjed qligħ li jippermettilhom li jgħixu ħajja diċenti. Dan huwa l-uniku mod li bih jistgħu jitnqassu l-inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi fis-soċjetà tagħna.

---

[9]Allenza Kontra l-Faqar, Moviment Graffitti, and General Workers' Union, *A Proposal Towards the Definition and Estimates of the National Living Income in Malta 2022*, last accessed April 22, 2024, https://mcesd.org.mt/wp-content/uploads/2023/09/The-National-Living-Income-Study.pdf

[10]"National Minimum Wage," Department for Industrial and Employment Relations Malta, last accessed April 2, 2024, https://dier.gov.mt/en/employment-conditions/wages/pages/national-minimum-wage.aspx

[11]"Gross Domestic Product: Q4/2023," National Statistics Office Malta, last accessed April 22, 2024, https://nso.gov.mt/gross-domestic-product-2023/

[12]"Foreign Nationals Employment Trends," Jobsplus, last accessed September 4, 2023, https://jobsplus.gov.mt/resources/publication-statistics-mt-mt-en-gb/labour-market-information/foreigners-data

Fil-kuntest ta' dan ix-xenarju inġust ta' bħalissa, qegħdin insejħu għal bidla mill-mudell ekonomiku preżenti għal mudell differenti li jpoġġi lill-ħaddiema, minflok il-profitti tal-privat, fiċ-ċentru billi:

1. Jiġu riveduti l-pagi fin-naħa t'isfel tal-iskala tal-qligħ biex jiżdiedu b'mod sostanzjali. Għal dan l-għan, Malta jeħtieġ li timmira għal paga minima li tippermetti għajxien diċenti. Żieda fil-paga minima twassal organikament għal żieda fil-pagi baxxi kollha li jkunu jridu jiġu aġġustati 'l fuq vis à vis il-paga minima miżjuda.

2. Jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema kollha permezz ta' miżuri mandatorji biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħajja personali u x-xogħol, bħal ġimgħa iqsar ta' xogħol, u leave itwal tal-maternità, paternità, u leave għall-ġenituri u għal dawk li jieħdu ħsieb lil ħaddieħor.

3. Ikunu riveduti l-liġijiet antikwati tax-xogħol biex ikunu jistgħu verament jiġu indirizzati realtajiet ġodda ta' sfruttament tal-ħaddiema.

4. Ikun hemm entità pubblika waħda responsabbli biex tinvestiga rapporti ta' abbuż fuq il-ħaddiema, fil-forom differenti tiegħu, u biex tieħu azzjoni effettiva kontrihom.

5. Jitneħħew il-miżuri amministrattivi li qegħdin strutturalment ipoġġu lill-ħaddiema immigranti f'pożizzjoni dipendenti u vulnerabbli fil-konfront ta' min iħaddimhom, u b'konsegwenza qiegħed jingħata lok għall-isfruttament tagħhom. Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom aċċess, fil-prattika, għal rimedji effettivi kontra l-abbuż.

6. Jiġu introdotti regoli li jorbtu fuq il-prezzijiet tal-kiri u fuq il-prezzijiet ta' ħtiġijiet bażiċi, biex jiġi evitat l-abbuż mill-għatx għall-profitti predatorji, u biex jiġi mħares il-poter tal-akkwist tal-ħaddiema.

7. Tkun promossa l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-teħid tad-deċiżjonijiet.



# ĠUSTIZZJA MAL-ĦADDIEMA

## Drittijiet, dinjità u kwalità ta' ħajja aħjar

Mejju 2024

MOVIMENT
GRAFFITTI